MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 300/1995/1

**Mario Calleja**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija u Spettur Maria Stella Cutajar**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Frar, 1996 li permezz taghha lliberat liz-zewg konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attur.

L-attur fic-citazzjoni tieghu ppremetta li fil-kors ta' proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja (fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Is-Surgent Bernardette Spiteri u Joseph Grech***) il-konvenuta Cutajar allegat (fil-kors tax-xiehda taghha) li fit-2 ta' Settembru, 1994 kien sar inkontru f'lukanda f'Bugibba bejn diversi nies, fosthom l-attur, u li fil-kors ta' dan l-inkontru sar diskors mill-persuna presenti – u allura anke mill-attur – *"fis-sens li sar ftehim ta' kumplott biex jinqatel u jigi eliminat Tamar Zaki"*. L-attur ippremetta wkoll li *"l-allegazzjoni tal-konvenuta hija kompletament bla bazi u intiz* [**recte:** intiza] *sabiex jithammeg u tigi mtebbgha l-integrita` ta' l-attur"*. Huwa ppremetta wkoll illi kien "tharrek il-Qorti fil-kawza imsemmija inutilment peress li ma saritlu l-ebda domanda utli ghall-kaz in kwistjoni u jidher lampanti li l-iskop tal-konvenuti jew min minnhom kien sabiex jissemma' l-attur in konnessjoni mal-kaz in kwistjoni u b'hekk aktar titgharraq ir-reputazzjoni tieghu kif ser jigi ampjament pruvat waqt is-smigh ta' din il-kawza." L-attur allega li in konsegwenza ta' dan l-agir tal-konvenuti huwa kien sofra danni u pregudizzju irreparabbli, u, premess dan kollu, talab li l-Qorti *"tiddikjara illi l-agir tal-konvenuti jew min minnhom kien wiehed malizzjuz u intiz sabiex tigi skurata r-reputazzjoni tal-attur u konsegwentement l-istess sofra danni konsiderevoli"*.

Il-konvenuta Maria Stella Cutajar, fin-nota ta' eccezzjonijiet taghha tas-17 ta' Marzu, 1995 eccepiet:

*"1. Illi x-xiehda moghtija minnha fil-kors tal-qadi tad-dmirijiet taghha huwa kopert bi privilegg u konsegwentement mhux azzjonabbli;*
*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti ma hijiex responsabbli li kkawzat danni lill-attur;*

*Salvi eccezzjonijiet ohra u b'rizerva ta' kull azzjoni fil-ligi."*

Il-konvenut l-iehor, cioe` l-Kummissarju tal-Pulizija, permezz tan-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu tal-24 ta’ Marzu, 1995, wiegeb hekk:

*“1. Illi l-azzjoni ta’ l-attur hija inammissibbli stante li huwa ma jistax preventivament jattribwixxi malizjozita` lill-eccipjent fil-qadi tal-poteri* (sic!) *tieghu konferiti mil-ligi meta jirrizulta wkoll li ghadhom pendenti proceduri kriminali*
*.*
*2. Illi x-xiehda ta’ l-Ispettur Maria Stella Cutajar fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Berdardette Spiteri u Joseph Grech*** *tezorbita mill-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti billi tali xiehda waqt proceduri kriminali tghaddi ghall-valutazzjoni tal-gudikant f’dawk il-proceduri. Illi jekk jirrizultaw irregolaritajiet hemm il-mezzi xierqa ta’ rimedji kontemplati mil-ligijiet kriminali. Illi huwa biss wara li jsir l-accertament li jkun twettaq reat li jista’ jigi radikat id-dritt civili biex issir it-talba ghad-danni, izda mhux qabel.*

*3. Illi ghalhekk l-azzjoni ta’ l-attur hija intempestiva u karenti minn kull interess guridiku attwali.*

*Salv u impregudikat kwalsiasi eccezzjoni ohra f’kaz ta’ bzonn.”*

Fid-9 ta’ Mejju, 1995 l-ewwel Qorti ddifferiet il-kawza “ghall-provi dwar l-eccezzjoni tal-intempestivita`” ghall-4 ta’ Lulju, 1995. Fl-4 ta’ Lulju, 1995 il-kawza regghet giet differita, minhabba li d-difensur tal-konvenuta Cutajar kien imsiefer, “ghas-7 ta’ Novembru, 1995…ghall-provi dwar l-eccezzjoni tal-inkompetenza”. Presumibbilment l-ewwel Qorti, bl-eccezzjoni “tal-inkompetenza” kienet qed tifhem l-eccezzjoni moghtija mill-konvenuta Cutajar li d-deposizzjoni taghha kienet koperta bi privilegg u li “konsegwentement mhux azzjonabbli”, filwaqt li r-referenza ghall-intempestivita` hija referenza ghall-eccezzjoni moghtija mill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija. Effettivament fl-udjenza tas-7 ta’ Novembru, 1995 il-kawza regghet giet differita sabiex l-Avukat Dott. Patrick Galea (li kien qed jidher ghall-Cutajar) jaghmel nota ta’

sottomissjonijiet fuq ix-xiehda privileggjata, filwaqt li l-Avukat Dott. Franco Bondin, li kien qed jidher ghall-Kummissarju tal-Pulizija, jaghmel nota dwar "l-eccezzjoni tieghu tal-intempestivita`" In-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija giet presentata fis-7 ta' Dicembru, 1995 filwaqt li dik tal-konvenuta Cutajar giet presentata fil-21 ta' Frar, 1996. L-attur wiegeb ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija b'nota responsiva in data 5 ta' Frar, 1996. F'din in-nota responsiva tieghu l-attur ighid, *inter alia*, hekk:

**"Illi kull ma qed jattakka l-attur huwa l-agir tal-konvenuti, liema agir qieghed jikkagunalu danni. In effetti, fil-kors tat-trattazzjoni orali tieghu l-esponent spjega li mhux qed jattakka x-xiehda li nghatat *per se*, izda l-agir li kien intiz sabiex jippregudika r-reputazzjoni tieghu, agir li jmur kontra l-Artikoli 1030 – 1033 tal-Kap. 16. Huwa dan li trid tistabilixxi din il-Qorti f'din l-istanza, ossia jekk bl-agir u l-ghemil taghhom fil-konfront ta' l-attur il-konvenuti uzawx il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' *bonus paterfamilias*."** (ara fol. 48 ta' l-atti) [1].

## Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti

Kif inghad, permezz ta' sentenza moghtija fid-29 ta' Frar, 1996 l-ewwel Qorti illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju. Ghandu jigi precizat, qabel xejn, li quddiem l-ewwel Qorti ma nstemghu jew ingabu ebda provi – dik il-Qorti llimitat ruhha biex tiddeciedi eccezzjonijiet a bazi biss tas-sottomissjonijiet li sarulha. Il-Qorti bdiet biex

[1] L-Artikolu 1030 tal-Kap. 16 jipprovdi li: "Kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu". L-Artikolu 1031: "Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu". L-Artikolu 1032: "(1) Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja. (2) Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar". U l-Artikolu 1033: "Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk".

tezamina l-ewwel l-eccezzjoni "tax-xiehda privleggjata". Wara li kkwotat dik il-parti tan-nota responsiva ta' l-attur hawn aktar 'l fuq riprodotta, dik il-Qorti qalet hekk:

**"Jigifieri l-attur qed jallega li l-konvenuti naqsu minn xi dmir li kellhom u kkagunawlu danni. Hu spjega li hawnhekk l-azzjoni mhix diretta per se kontra x-xiehda li nghatat mill-Ispettur Cutajar, izda kontra l-agir li kkrea d-dannu u kontra l-mod kif saru l-affarijiet. Huwa *mhux qed jattakka ebda xiehda.***

**"Abbazi ta' din id-dikjarazzjoni tal-attur, ghalhekk, l-eccezzjoni tal-konvenuta Cutajar li *"x-xiehda moghtija minnha fil-kors tal-qadi tad-dmirijiet taghha huwa kopert bi privilegg u konsegwentement mhux azzjonabbli"* m'hemmx lok ghaliha f'dan l-istadju u l-Qorti mhiex se tieghu [<u>recte:</u> tiehu] aktar konjizzjoni taghha."**

Minn <u>din il-parti tas-sentenza</u> ma hemm ebda appell. Is-sentenza kompliet, pero`, biex ezaminat l-"eccezzjoni dwar il-karenza ta' interess guridiku w intempestivita` ta' l-azzjoni", u l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward qalet hekk:

**"Jibqa' l-eccezzjoni l-ohra tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija li qed jeccepixxi li hemm karenza ta' interess guridiku biex l-attur imexxi l-azzjoni civili u intempestivita` ta' l-azzjoni billi l-ebda dritt ta' l-attur ma gie vjolat.**

**"Il-Qorti qed tigi mitluba tezamina l-agir tal-konvenuti u l-mod kif saru l-affarijiet waqt kumpilazzjoni kontra terzi, u tiddeciedi jekk dak l-agir u dawk l-affarijiet ikkreawx dannu kontra l-attur.**

**"Il-konvenuti ssottomettew li mkien ma tezisti malizjosita` fl-agir taghhom meta huma semplicement qed imexxu proceduri kriminali kontra terzi u li huma qed jaghmlu d-dover taghhom skond il-ligi.**

**"L-Artikolu 3 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li "Kull *reat* inissel *azzjoni* kriminali u azzjoni civili". L-azzjoni**

**kriminali titmexxa quddiem il-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali u biha tintalab *piena* kontra l-hati; u l-azzjoni civili titmexxa quddiem il-qrati ta' gurisdizzjoni civili, u biha tintalab *il-hlas tal-hsara li ssir bir-reat*.**

**"L-Artikolu 6 jipprovdi li "L-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra".**

**"Trid ghalhekk issir distinzjoni bejn azzjoni u reat. Biex titnissel azzjoni (civili jew kriminali) irid ikun sar reat. Jekk m'hemmx reat ma jistax ikun hemm azzjoni.**

**"L-attur qed jallega li f'kumpilazzjoni kontra terzi sar reat billi qed jallega agir malizzjuz da parti tal-konvenuti intiz biex tiskura [recte: toskura] r-reputazzjoni tieghu. Fil-fatt, izda, f'dan l-istadju l-ebda reat ghadu ma gie accertat li sar fil-konfront ta' l-attur mill-konvenuti. L-accertament jekk il-konvenuti mxewx malizjozament jew inkella huma semplicement mexxewx proceduri kriminali, irid jirrizulta fil-kumpilazzjoni. Jekk il-Qorti tal-kompetenza kriminali jirrizultalha li sar xi reat, il-ligi stess tipprovdi kif ghandu jimxi dak il-gudikant.**

**"Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-azzjoni civili f'dan l-istadju hija ntempestiva.**

**"Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija u tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju; spejjez ghall-attur."**

**L-appell ta' l-attur**

L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors in data 15 ta' Marzu, 1996. L-aggravji tieghu huma tnejn. Huwa jibda biex jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti lliberat mill-osservanza tal-gudizzju liz-zewg konvenuti, meta fil-fatt l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta Cutajar kienet qed tigi respinta (jew, aktar precisament, il-Qorti ddecidiet li f'dak

l-istadju ma tiehux konjizzjoni aktar taghha), u kienet biss l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija li kien qed tigi milqugha. It-tieni aggravju hu, bazikamemt, fis-sens li l-ewwel Qorti ddecidiet hazin meta rabtet l-azzjoni ta' l-attur man-necessita` li l-ewwel trid tirrizulta (lil qorti ohra) l-kommissjoni ta' xi reat da parti tal-konvenut (jew konvenuti).

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Din il-Qorti hi tal-fehma kunsidrata li z-zewg aggravji tal-attur jimmeritaw li jigu akkolti. Infatti, galadarba l-konvenuta Cutajar ma tatx l-eccezzjoni li "l-azzjoni ta' l-attur hija intempestiva u karenti minn interess guridiku attwali" – din l-eccezzjoni ta biss il-Kummissarju tal-Pulizija – din il-Qorti difficilment tista' tifhem kif, una volta milqugha din l-eccezzjoni ta' dan il-konvenut, tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju wkoll il-konvenuta l-ohra, cioe` l-Ispettur Cutajar.

Pero` aktar fondamentali huwa t-tieni aggravju. L-attur qieghed jallega li l-agir tal-konvenuti ikkagunalu hsara (presumibbilment hsara materjali), u li din il-hsara grat bi htija tal-konvenuti fit-termini tal-Artikoli 1030 u 1033 tal-Kodici Civili. Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, l-accertament ta' tali hsara fit-termini ta' l-imsemmija disposizzjonijiet ma jiddependi b'ebda mod fuq l-accertament minn qabel, da parti ta' xi Qorti ta' Gustizzja Kriminali, li gie kommess xi reat mill-konvenuti. Apparti li d-disposizzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali tfisser li l-azzjoni civili – anke dik naxxenti minn reat – ma tiddependix fuq jekk ikunx diga gie minn qabel stabbilit (minn Qorti ta' Gustizzja Kriminali) li gie kommess tali reat[2], l-azzjoni kif prospettata mill-attur ma tipprospettax neccessarjament il-kommissjoni ta' xi reat. Dak li qed jallega l-attur hu, bazikament, li l-konvenuti ma mxewx entro l-limiti gusti tad-drittijiet u/jew doveri taghhom skond il-ligi. Dan ma jfissirx li huma jkunu kkommettew reat, wisq anqas, allura li dan ir-"reat" irid ikun gie stabbilit

[2] Ara, a propositu tal-indipendenza tal-azzjoni civili mill-azzjoni kriminali, ***Joseph Manche` v. Mary Butler et*** Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), 11 ta' Mejju, 1957; ***Carmelo Camilleri v. Gejtu Cassar*** Prim Awla, 1 ta' Dicembru, 1955.

precedentement minn Qorti ta’ Gustizzja Kriminali. Una volta li l-attur qed jargina l-azzjoni tieghu fit-termini tal-Artikoli 1030 u 1033, ma kien hemm ebda intempestivita` jew karenza ta’ “interess guridiku attwali”. L-ewwel Qorti kellha tisma’ l-provi biex tara jekk effettivament fil-kumpilazzjoni in kwistjoni l-agir tal-konvenuti kienx oltrepassa l-limiti msemmija fl-Artikolu 1030 u/jew kienx jaqa’ taht l-Artikolu 1033. Ghalhekk l-appell ta’ l-attur ser jintlaqa’.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell ta’ l-attur u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn iddecidiet li “f’dan l-istadju” ma kienx hemm lok li l-Qorti tiehu konjizzjoni aktar tal-eccezzjoni tal-konvenuta Cutajar li *“x-xiehda moghtija minnha fil-kors tal-qadi tad-dmirijiet taghha huwa kopert bi privilegg u konsegwentement mhux azzjonabbli”*, thassarha u tirrevokaha fil-bqija u cioe` f’dik il-parti fejn illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju, u minflok tibghat l-atti tal-kawza lura lill-Prim Awla tal-Qorti Civili ghall-kontinwazzjoni tas-smigh tal-kawza skond il-ligi. L-ispejjez, kemm dawk konnessi mas-sentenza appellata kif ukoll dawk ta’ din l-istanza, jithallsu mill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------